



Brussell, 27 ta' Frar 2023  
(OR. en)

6887/23

---

Fajl Interistituzzjonal:  
2023/0047(NLE)

---

AELE 6  
EEE 3  
N 17  
ISL 18  
FL 4  
MI 143  
ENT 37  
AGRILEG 30  
ENV 181  
CHIMIE 13  
IND 73

#### **NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

---

minn: Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur

data meta waslet: 24 ta' Frar 2023

lil: Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

---

Nru dok. Cion: COM(2023) 95 final

Suġġett: Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fi ħdan il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar emenda għall-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) u l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, testijiet u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE. (Fertilizzanti)

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2023) 95 final.

---

Mehmuż: COM(2023) 95 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 24.2.2023  
COM(2023) 95 final

2023/0047 (NLE)

Proposta għal

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tīgħi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fi ħdan il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar emenda għall-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) u l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, testijiet u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE.**

**(Fertilizzanti)**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

**MT**

**MT**

## **MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI**

### **1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA**

Din il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tīgħi adottata f’isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE b’rabta mal-adozzjoni prevista tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt dwar l-emendar tal-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) u l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE.

### **2. KUNTEST TAL-PROPOSTA**

#### **2.1. Il-Ftehim ŻEE**

Il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (“*il-Ftehim ŻEE*”) jiggarrantixxi drittijiet u obbligi ugħali fi ħdan is-Suq Intern għaż-ċittadini u l-operaturi ekonomiċi fiż-ŻEE. Huwa jipprevedi l-inklużjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE li tkopri l-erba’ libertajiet madwar it-30 Stat taż-ŻEE li jinkludu l-Istati Membri tal-UE, in-Norveġja, l-Iżlanda u l-Liechtenstein. Barra minn hekk, il-Ftehim ŻEE jkopri l-kooperazzjoni f’oqsma importanti oħra bħar-riċerka u l-iżvilupp, l-edukazzjoni, il-politika soċjali, l-ambjent, il-protezzjoni tal-konsumatur, it-turiżmu u l-kultura, kollettivament magħrufa bħala politiki “*ta’ appoġġ u orizzontali*”. Il-Ftehim ŻEE daħal fis-seħħ fl-1 ta’ Jannar 1994. L-Unjoni flimkien mal-Istati Membri tagħha hija parti għall-Ftehim ŻEE.

#### **2.2. Il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE**

Il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE huwa responsabbi għall-ġestjoni tal-Ftehim ŻEE. Huwa forum għall-iskambju ta’ fehmiet b’rabta mal-funzjonament tal-Ftehim ŻEE. Id-deċiżjonijiet tiegħu jittieħdu b’kunsens u huma vinkolanti fuq il-Partijiet. Ir-responsabbiltà għall-koordinazzjoni ta’ kwistjonijiet taż-ŻEE min-naħħa tal-UE hija tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea.

#### **2.3. L-att previst tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE**

Il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE mistenni jadotta d-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (“*l-att previst*”) li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) u l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, testijiet u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE.

L-għan tal-att previst huwa li jinkorpora r-Regolament (UE) 2019/1009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta’ Ġunju 2019 li jistabbilixxi regoli dwar it-tpoġġija għad-dispożizzjoni fis-suq ta’ prodotti fertillizzanti tal-UE u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1069/2009 u (KE) Nru 1107/2009 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2003/2003<sup>1</sup> fil-Ftehim ŻEE.

L-att previst isir vinkolanti għall-partijiet f’konformità mal-Artikoli 103 u 104 tal-Ftehim ŻEE.

### **3. POŻIZZJONI LI GĦANDHA TITTIEĦED F’ISEM L-UNJONI**

Il-Kummissjoni tippreżenta l-abbozz ta’ Deċiżjoni anness tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE għall-adozzjoni mill-Kunsill bħala l-pożizzjoni tal-Unjoni. Jenħtieġ li l-pożizzjoni, ladarba adottata, tīgħi ppreżentata fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE kemm jista’ jkun malajr.

<sup>1</sup> ĠU L 170, 25.6.2019, p. 1, kif ikkoreġut minn ĠU L 83, 10.3.2022, p. 66 u ĠU L 161, 16.6.2022, p. 121

L-abbozz ta' Deċiżjoni anness tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE jippermetti lill-Istati taż-ŻEE-EFTA jkomplu japplikaw il-valuri ta' limitu nazzjonali tagħhom għall-kadmu fil-fertilizzanti fosfatiċi li jeżistu fid-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE sakemm jsiru applikabbli valuri ta' limitu armonizzati għall-kontenut tal-kadmu fil-fertilizzanti fosfatiċi li jkunu indaqs jew aktar baxxi minn dawk il-valuri ta' limitu fiż-Żona Ekonomika Ewropea.

#### **4. BAŻI LEGALI**

##### **4.1. Bażi legali proċedurali**

###### *4.1.1. Prinċipji*

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jistabbilixxu “[i]l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f’isem l-Unjoni f’sede stabilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim.”

Il-kunċett ta’ “atti li jkollhom effetti legali” jinkludi atti li jkollhom effetti legali permezz tar-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregolaw il-korp inkwistjoni. Jinkludi wkoll strumenti li ma jkollomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li jkunu “*kapaċi jinfluwenzaw b'mod deċiżiv il-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mill-leġiżatura tal-UE*”<sup>2</sup>.

###### *4.1.2. Applikazzjoni għal dan il-każ*

Il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE huwa korp stabbilit minn ftehim, jiġifieri l-Ftehim ŻEE. L-att, li l-Kumitat Konġunt taż-ŻEE huwa mitlub jadotta, jikkostitwixxi att li jkollu effetti legali. L-att previst isir vinkolanti skont id-dritt internazzjonali f'konformità mal-Artikoli 103 u 104 tal-Ftehim ŻEE.

L-att previst ma jissupplimentax jew jemendax il-qafas istituzzjonali tal-Ftehim. Għaldaqstant, il-bażi legali proċedurali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) TFUE flimkien mal-Artikolu 1(3) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 2894/94 dwar l-arranġamenti għall-implementazzjoni tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea.

##### **4.2. Bażi legali sostantiva**

###### *4.2.1. Prinċipji*

Il-bażi legali sostantiva għal deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) TFUE flimkien mal-Artikolu 1(3) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 2894/94 tiddependi primarjament fuq il-bażi legali sostantiva tal-att legali tal-UE li għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

Jekk l-att previst isegwi żewġ għanijiet jew ikollu żewġ komponenti u jekk wieħed minn dawk l-għanijiet jew komponenti jkun identifikabbli bħala dak ewlieni, billi l-ieħor ikun sempliċiment inċidentali, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) TFUE trid tkun ibbażata fuq bażi legali sostantiva waħda, jiġifieri dak meħtieġ mill-ġhan jew il-komponent ewlieni jew predominant.

###### *4.2.2. Applikazzjoni għal dan il-każ*

Peress li d-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt jinkorpora r-Regolament (UE) 2019/1009 fil-Ftehim ŻEE, huwa xieraq li din id-Deċiżjoni tal-Kunsill tiġi bbażata fuq l-istess bażi legali

<sup>2</sup> Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ottubru 2014, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-paragrafi 61 sa 64.

sostantiva bħall-att li jkun inkorporat. Għaldaqstant, il-bażi legali sostantiva tad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 114 TFUE.

#### **4.3. Konklużjoni**

Il-bażi legali tad-deċiżjoni proposta jenħtieġ li tkun l-Artikolu 114 TFUE, flimkien mal-Artikolu 218(9) TFUE u l-Artikolu 1(3) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 2894/94 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar iż-ŻEE.

### **5. PUBBLIKAZZJONI TAL-ATT PREVIST**

Peress li l-att tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE se jemenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) u l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, testijiet u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE, huwa xieraq li jiġi ppubblikat f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea wara l-adozzjoni tiegħu.

## Proposta għal

**DEĊIJONI TAL-KUNSILL**

**dwar il-pożizzjoni li għandha tīgħi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fi ħdan il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar emenda għall-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) u l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, testijiet u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE.**

**(Fertilizzanti)**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

**IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,**

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94 tat-28 ta' Novembru 1994 dwar l-arranġamenti għall-implementazzjoni tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea<sup>3</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 1(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea<sup>4</sup> (“il-Ftehim ŻEE”) daħal fis-seħħ fl-1 ta’ Jannar 1994.
- (2) Skont l-Artikolu 98 tal-Ftehim ŻEE, il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE jista’ jiddeċiedi li jemenda, fost l-oħrajn, l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) u l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, testijiet u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE.
- (3) Ir-Regolament (UE) 2019/1009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>5</sup> għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (4) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Annessi I u II tal-Ftehim ŻEE jiġu emendati skont dan.
- (5) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE tkun ibbażata fuq l-abbozz ta’ Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt li jinsab fl-Anness ta’ din id-Deċiżjoni,

<sup>3</sup> ĠU L 305, 30.11.1994, p. 6.

<sup>4</sup> ĠU L 1, 3.1.1994, p. 3.

<sup>5</sup> Ir-Regolament (UE) 2019/1009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta’ Ġunju 2019 li jistabbilixxi regoli dwar it-trogħiġja għad-dispożizzjoni fis-suq ta’ prodotti fertillizzanti tal-UE u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1069/2009 u (KE) Nru 1107/2009 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2003/2003, ĠU L 170, 25.6.2019, p. 1, kif ikkoreġut minn ĠU L 83, 10.3.2022, p. 66 u ĠU L 161, 16.6.2022, p. 121

ADOTTA DIN ID-DEĊIJONI:

*Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni, fi ħdan il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar l-emenda proposta għall-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) u l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, testijiet u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE, għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill  
Il-President*